

31996L0021

L 88/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

5.4.1996

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/21/KE**tad-29 ta' Marzu 1996****li temenda d-direttiva tal-kummissjoni 94/56/KE dwar l-indikazzjoni obbligatorja fuq l-ittikkettjar ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel ta' partikolaritajiet apparti minn dawk previsti fid-Direttiva 79/112/KEE**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-ittikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 4 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar materjali tal-ħlewwa għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel, u partikolarment l-Artikolu 6 tagħha ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 94/53/KE tat-18 ta' Novembru 1994 dwar l-indikazzjoni obbligatorja fuq l-ittikkettjar ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel tal-partikolaritajiet apparti minn dawk previsti fid-Direttiva 79/112/KEE ⁽³⁾ fiha lista ta' l-oġġetti ta' l-ikel li dwarhom l-ittikkettjar għandu jinkludi waħda jew aktar partikolaritajiet addizzjonali;

Billi l-iskop ta' din id-Direttiva huwa li jissupplementa l-imsemmi l-Anness f'dak li jirrigwardja l-oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom materjali tal-ħlewwa;

Billi, wara li kkunsidraw l-iskop u l-effetti ta' l-azzjoni proposta, il-miżuri tal-Komunità introdotti b'din id-Direttiva ma humiex biss meħtieġa imma wkoll essenzjali jekk l-oġġetti stabbiliti għandhom ikunu milħuqa; billi l-oġġetti ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment; billi, aktar minn hekk, id-Direttiva 94/35/KE diġa tipprovdi għall-kisba ta' dawn l-oġġetti fil-livell tal-Komunità;

Billi, bil-għan li tipprovdi informazzjoni adegwata lill-konsumatur, l-ittikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom materjali tal-ħlewwa għandhom juru dettalji għal dak l-effett;

Billi, aktar minn hekk, twissijiet għandhom ukoll ikunu mogħtija fuq l-ittikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom ċerti kategoriji ta' materjali tal-ħlewwa;

Billi, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 79/112/KEE u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 94/35/KE, abbozz ta' din id-Direttiva kien ġie ppreżentat lill-Kumitat Permanenti dawr l-Oġġetti ta' l-ikel; billi dan ta' l-aħħar ma setgħax iwassal l-opinjoni tiegħu; billi bi qbil ma l-istess proċedura il-Kummissjoni kienet ippreżentat proposta lill-Kunsill li tirrigwarda l-miżuri li għandhom ikunu adottati,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 94/54/KEE huwa hawnhekk issupplementat kif ġej:

⁽¹⁾ ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/102/KEE (ĠU L 291, tal-25.11.1993, p. 14).

⁽²⁾ ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 300, tat-23.11.1994, p. 14.

Tip jew kategorija ta' l-oġġetti ta' l-ikel	Partikolaritajiet
“Oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom materjal jew materjali tal-ħlewwa kif awtorizzati bid-Direttiva 94/35/KE (*)	‘b'materjal(i) tal-ħlewwa’ Dawn il-partikolaritajiet għandhom jakkumpanjaw l-isem li permezz tiegħu il-prodott ikun mibjugħ, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 79/112/KEE
Oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom kemm zokkor jew zokkrijiet miżjuda u wkoll materjal jew materjali tal-ħlewwa kif awtorizzati bid-Direttiva 94/35/KE'	biz-zokkor (zokkrijiet) u b'materjal(i) tal-ħlewwa’ Dawn il-partikolaritajiet għandhom jakkumpanjaw l-isem li permezz tiegħu il-prodott ikun mibjugħ, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 79/112/KEE
Oġġetti ta' l-ikel li fihom l-aspartamina	‘fihom sorsi ta' <i>phenylalanine</i> '
Oġġetti ta' l-ikel li fihom aktar minn 10 % żieda ta' polijoli	‘konsum eċċessiv jista jipproduċi effetti lassattivi’

(*) ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 3”

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jemendaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi tagħhom qabel l-1 ta' Lulju 1996 b' mod illi:

- jippermettu kummerċ fil-prodotti li huma konformi ma' din id-Direttiva, sa l-1 ta' Lulju 1996 l-aktar tard;
- jipprojbixxu l-kummerċ fi prodotti li ma jkunux konformi ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta' Lulju 1997. B'dana kollu, prodotti mqiegħda fis-suq jew ittikkettjati qabel dik id-data li ma jkunux konformi ma din id-Direttiva jistgħu jkunu kummerċjalizzati sa kemm il-ħażniet ikunu eżawriti.

Huma għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 1996.

F'isem il-Kunsill

Il-President

T. TREU